MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2200/2003

**Cassar & Cooper (S&I) Ltd**

**Vs**

**Highland Commodities Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm139.29 (mija u disgha u tletin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu) dovuti ghal servizzi rezi.

Bl-ispejjez u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-24 ta' Lulju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fil-11 ta' Ottubru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------